*Privilegium Fori;*
*Effetti kollaterali ta' ftehim ai fini ta' kompetenza*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru, 2021**

**Numru 8**

**Rikors Numru 933/20 TA**

**Owen Borg (ID: 40688M)**

**vs**

**RG Towzone Limited (C-69564)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Owen Borg (l-Attur) tal-15 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta` intimata;

2. Illi nhar l-ewwel (1) ta' Frar 2019, waqt il-hin tax-xoghol, huwa mar gewwa sit fi Triq l-Industrija, Hal Qormi sabiex jaqla *part* minn fuq ambulanza li kienet skrappjata hemmek u jpoggiha fuq truck tax-xoghol, u dan fuq struzzjonijiet tal-imghalmin tieghu Ryan Borg u Godwin Mizzi fil-vesti taghhom ta' diretturi tas-socjeta` intimata;

3. Illi waqt illi kien qieghed jaghmel dan bl-ghodda limitati li gie pprovdut bihom mis-socjeta` intimata, go ghalqa fejn l-art ma kinetx stabbli, waqghet l-ambulanza fuq ir-rikorrent u b'rizultat ta' dan korra serjament u sofra dizabilita` permanenti;

4. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 1428/2020 sabiex tersaq ghal-liwkidazzjoni u l-hlas ta' danni kkagunati lir-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-incident;

5. Illi s-socjeta` intimata pero` baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hija debitrici tar-rikorrent f'dik is-somma li ghandha tigi minn din l-Onorabbli Qorti likwidata, rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-incident li sehh nhar l-1 ta' Frar 2019;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tal-incident imsemmi, jekk ikun mehtieg bil-ghajnuna ta' esperti; u

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, fosthom dawk tal-ittra ufficjali numru 1428/2020 kontra s-socjeta` intimata, rapprezentanti taghha minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghax skont il-ligi."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' RG Towzone Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tat-3 ta' Marzu 2021:

"1. Illi preliminarjament qed jigi eccepit il-Privilegium Fori stante li l-kumpanija konvenuta ghandha l-ufficju registrat u s-sede taghha f'Ghawdex u topera principalment minn Ghawdex. Id-direttur manigerjali taghha jirressjedi wkoll Ghawdex. Ghalhekk din il-kawza trid tintbaghat Ghawdex biex tinstema mill-Qorti kompetenti.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-kumpanija attrici ma tahti xejn ghas-sinistru li fih allegatament indarab l-attur. L-istess incident sehh unikament tort u htija ta' l-attur minhabba negligenza kontributorja serja.

3. Illi l-kumpanija konvenuta qed tikkontesta kull pretensjoni tal-attur kif naxxenti minn l-allegat incident ta' l-1 ta' Frar 2019.

4. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

5. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Godwin Mizzi (33789G) direttur tal-kumpanija konvenuta li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat il-verbal tas-17 ta' Mejju 2021 fejn il-partijiet qablu li qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu, għandha tkun trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' konvenuta dwar il-*privilegium fori.*

Rat il-verbal tal-5 ta' Lulju 2021 fejn il-partijiet qablu li r-registered office tas-Soċjeta' konvenuta huwa Għawdex, li direttur joqgħod Malta u ieħor Għawdex u li s-Soċjeta' konvenuta għandha żewġ *outlets*, wieħed Malta u l-ieħor Għawdex;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jitrattaw l-ewwel eċċezzjoni;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum biex tingħata Sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni.

**Punti ta' Fatti**

**1.** Fl-1 ta' Frar 2019, waqt li kien qiegħed jaqla' part ta' ambulanza skrapjata fi Triq l-Industrija, Ħal Qormi, Malta l-attur kellu inċident u weġġa' gravament meta din l-ambulanza waqgħet fuqu. L-Attur dak iż-żmien kien impjegat mas-Soċjeta' konvenuta. L-attur jattribwixxi dan l-inċident għall-fatt li s-Soċjeta' konvenuta provditlu għodda li hu jiddeskrivi bħala limitati.

**2.** Is-Soċjeta' konvenuta hija reġistrata Għawdex, għandha direttur Malti u ieħor Għawdxi, u tipposjedi żewġ outlets, wieħed Malta u l-ieħor Għawdex u dan anke kif maqbul bejn il-partijiet skont il-verbal fuq imsemmi.

**3.** Minkejja li l-Attur interpella lis-Soċjeta' konvenuta sabiex tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni, din baqgħet inadempjenti. F'din il-Kawża qed tirrispinġi kull responsabbilta' għall-akkadut.

**Punti ta' Liġi**

**4.** Is-Soċjeta' Konvenuta tikkontendi li għandha d-dritt tiċħad il-kompetenza tal-Qrati Maltin għaliex l-uffiċju reġistrat tagħha jinsab Għawdex, apparti li wieħed mid-diretturi huwa Għawdxi u għandha ukoll wieħed mill-ħwienet tagħha f'din il-gżira. Għalhekk tinsisti li anke artikolu 50 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jinsisti li l-kawża għandha tinstema Għawdex. Tagħmel ukoll referenza għall-artikolu 741(c) u 767 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

**5.** Il-Qorti tibda biex tosserva li ai fini dwar il-kompetenza tal-Qrati, quddiemha għandha żewġ partijiet. Ftit li xejn jimporta fejn jirrisjedu d-Diretturi u ħwienet tas-Soċjeta' konvenuta. Dawn l-elementi ma jissarfux fi pluralita' ta' konvenuti. Dan ifisser li l-partijiet għal din il-Kawża huma pariment residenti fi gżejjer differenti.

**6.** Iċ-ċaħda tal-kompetenza ta' Qorti hija determinata u ssegwi lill-konvenuti. Di fatti artikolu 768(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi li:

*"Meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod Malta jista'jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Għawdex; u meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Malta".*

**7.** Il-privilegium fori jispiċċa u ma jistax ikun invokat fi tlett okkażżjonijiet espresssament indikati mil-liġi:

i. F'art 770 tal-Kap 12 jiddisponi: fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari.

ii. F'art 771 tal-Kap 12, ma jistax jintalab mill-werriet, meta għar-raġuni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, ma setgħax ikun mitlub mill-awtur tiegħu.

iii. Finalment skont artikolu 769 tal-Kap 12 meta l-għadd ta\` konvenuti li jgħixu Malta u Għawdex hu ndaqs (Art 769).(Ara **Appell**

**Ċivili fl-ismijiet John Borg -vs- Salvatore Bonnici, Qorti tal-Appell Ċivili tad-19 ta' Novembru 1954**).

**8.** Fin-nota ta' referenzi presentata mis-Soċjeta konvenuta fis-26 ta' Mejju 2021 dwar artikolu 770 jargumenta hekk:

*"L-eccezzjoni moghtija mill-ligi ghall-principju generali fuq espost, u cioe' l-eccezzjoni illi l-privilegium fori tispicca kemm-il darba l-Kawza tkun dwar obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita fi gzira partikolari, l-artikolu 770 mhux applikabbli ghal kaz odjern stante illi l-kaz odjern si tratta ta' danni naxxenti minn incident u mhux minn obbligazzjoni jew ftehim".*

**9.** Dan ifisser li s-Soċjeta' Konvenuta qed targumenta li f'dan il-każ, l-azzjoni li qed tkun esperita mill-Attriċi, hija dik extra kuntrattwali abbażi ta' artikoli 1031 et sequens tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenuti għalhekk jispjegaw li l-azzjoni hija waħda kważi-delittwali. Konsegwentement iċ-ċirkostanza ma hiex waħda minn dawk prevista f'artikolu 770 fuq imsemmi.

**10.** Mill-premessi tar-rikors jirriżulta li l-Attur, fil-mument tas-sinistru, kien impjegat mas-Soċjeta' konvenuta tant li jsejħilhom l-imgħallmin tiegħu u li mexa fuq struzzjonijiet tagħhom (ara premessa numru 2). Għalhekk ma hemm ebda dubbju li bejniethom kien jesisti kuntratt ta' impieg li miegħu iġib ċertu obbligazzjonijiet.

**11.** F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu li "*għall-finijiet tal-Artikolu 770 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili anke meta l-kawża ma*

*tkunx speċifikatament dwar obbligazzjoni li kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari iżda tkun dwar vertenza li hija relatata ma' tali obbligazzjoni, din bħala aċċessorja għall-obbligazzjoni prinċipali għandha titqies fuq l-istess bażi, u għalhekk f'dan il-każ il-privilegium fori ma japplikax."* (ara **Sentenza fl-ismijiet John Mary Grima -vs- Francis Cutajar et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2013.**)

**12.** Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni. Dan l-artikolu ġie interpretat li jfisser li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat (ara **Sentenza tal-Prim Awla tal-10 ta' Ġunju, 2005 fl-ismijiet Emanuel Grech et -vs- Emanuel Muscat et**).

**13.** Bosta huma l-effetti sekondarji jew kollatorali li tista' iġġib obbligazzjoni kontrattwali fost oħrajn danni subiti minħabba twettiq ħażin tal-obbligazzjoni, f'dan il-każ l-obbligu ta' min iħaddem li jħares is-saħħa ta' min jimpjega. Di fatti artikolu 1132(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi dwar id-depożiti, id-diliġenza li wieħed għandu juża fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi ħsieb il-ġid biss ta' waħda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-waħda*

*u l-oħra, hija, f'kull każ, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032."*

**14.** Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li f'kull kuntratt bħal dak mertu ta' din il-kawża, ċertament hija kundizzjoni impliċita id-diliġenza bħal dik tal-*bonus pater familias* kif difatti jipprovdi l-artikolu preċitat. Kif osservat li l-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana "*La condizione non deve essere necessariamente enunciate in termini espressi e con il suo esatto nomen iuris e` puo` anche` essere 'implicita' o 'tacita'; ma affenche` ricorra quest`ultima ipotesi, e` necessario che la effettiva volonta` di subordinare l`efficacia del negozio al verificarsi o al non verificarsi di un predeterminato evento, sia univocamente riconoscibile attraverso l`esame e l`interpretazione del contenuto sostanziale del negozio stesso".* (Ara **Corte di Cassazione Taljana deċiżjoni numru 1950 mogħtija fl-20 ta` Lulju, 1962, u f`deċiżjoni numru 1803 tas-6 ta` Ottubru, 1970**).

**15.** Dan kollu jwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni li d-danni li qed jitlob l-Attur huma effetti sekondarji u kollaterali għall-obbligu prinċipali naxxenti minn kuntratt li fil-mument li seħħ is-sinistru kien qiegħed jitwettaq fil-Gżira ta' Malta. Dan ifisser li bħala tali din iċ-ċirkostanza taqa' fl-operat tal-artikolu 770 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi li: *Il-privilegium fori jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari.* F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa perfettament applikabbli fis-Sentenza suċitata ta' **John Mary Grima.**

## Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha **tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-*privilegium fori* tas-Soċjeta' konvenuta bl-ispejjes kontra tagħha.

Tordna għalhekk il-prosegwiment tal-Kawża.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**